FTEHIM

PACTA SUNT SERVANDA

LIFTING OF CORPORATE VEIL

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 ta' April 2019

**Kawza Numru : 13**
**Rikors Guramentat Numru : 924/2015/LSO**

**Digital Interactive Limited [C53835]**

**vs**

**Ilead Solutions Limited [C59752];**
**u Joseph Aquilina [K.I. nru. 581863M];**

**u Mark Aquilina [K.I. nru. 190773M];**
**u Patrick Cutajar [K.I. nru. 142371M]**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors Guramentat ta' Digital Interactive Limited datat 30 ta' Settembru 2015 fejn Digital Interactive Limited [C53835] iddikjarat bir-rispett u bil-gurament tieghu, kif debitament awtorizzat, Christopher Sultana [K.I. nru. 393474M] ikkonferma illi :

Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza

1. Permezz ta' skrittura privata datata 13 ta' Settembru 2013 il-kumpanija rikorrenti ttrasferiet u bieghet lil dik intimata l-*portal* desinjat bhala Di-ve.com bid-drittijiet, kontenut, interessi u pretensjonijiet kollha tal-istess *portal.*

2. Il-kumpanija ntimata ntrabtet li tassumi l-obbligi u l-garanziji kollha moghtija minn Digital Interactive Limited favur il-Bank of Valletta p.l.c. limitatament u relattivament ghas-self JEREMIE, inkluz il-garanziji personali, dawk fi flus kontanti u kull rahan, illi l-istess Digital Interactive Limited kienet tat in garanzija tal-hlas lura tal-istess self kif vigenti dakinhar tal-iffirmar tal-iskrittura surriferita. B'hekk il-

kumpanija intimata obbligat ruhha li tassumi s-self JEREMIE u kif ukoll kull garanzija moghtija mill-kumpanija rikorrenti kontra l-istess.

3. It-trasferiment premess sar versu l-prezz ta' himistax-il elf ewro (€15,000), liema somma kellha tithallas f'pagamenti rateali mensili ta' elf ewro (€1,000) sa mhux aktar tard mill-14 ta' Marzu 2015.

4. Il-kumpanija ntimata, flimkien mad-diretturi taghha, in kwantu dawn jew min minnhom, assumew l-obbligu li jiggarantixxu s-self JEREMIE personalment, naqsu milli jwettqu l-obbligi taghhom skont l-iskrittura privata tat-13 ta' Settembru 2013. Huma fil-fatt naqsu milli jassumu s-self JEREMIE u kif ukoll jissostitwixxu l-garanziji moghtija mill-kumpanija rikorrenti kontra l-istess. Il-kumpanija ntimata fil-fatt hallset biss erba' (4) pagamenti rateali kontra l-istess self. Inoltre, mis-somma pattwita ta' hmistax-il elf ewro (€15,000), il-kumpanija ntimata hallset biss is-somma ta' elf ewro (€1,000).

5. Ghal dan l-ghemil tal-kumpanija ntimata trid twiegeb mhux biss l-istess izda dawk il-persuni li, ghall-ghanijiet taghhom kienu qieghdin imexxuha, u li abbuzaw mill-privilegg ta' responsabilita' limitata moghti mill-Art. 67. tal-Kap. 386. tal-Ligijiet ta' Malta billi, *inter alia,* ma tawx lill-kumpanija Ilead Solutions Limited il-possibilita' reali li tilhaq l-ghanijiet li ghalihom ikkuntrattat fit-13 ta' Settembru 2013. Jista' sahansitra jaghti l-kaz li d-diretturi tal-kumpanija Ilead Solutions Limited ghamlu diversi pretensjonijiet,

rapprezentazzjonijiet u stqarrijiet foloz, jew li jizgwidaw - b'hekk l-agir tal-persuni li finalment kellhom il-kontroll tal-kumpanija Ilead Solutions Limited kien wiehed qarrieqi u ntiz sabiex ma jigux onorati l-obbligi assunti fl-iskrittura privata tat-13 ta' Settembru 2013.

6. Inoltre, jigi rilevat illi l-membri tal-kumpanija Ilead Solutions Limited ma hallsux l-ammont shih tal-azzjonijiet mizmuma minnhom. Jigi rilevat ulterjorment illi f'Novembru tas-sena 2014, il-kumpanija Ilead Solutions Limited ttrasferiet in-negozju taghha relatata ma' *web management,* u allura dak fil-linja tal-iskrittura privata tat-13 ta' Settembru 2013 lil kumpanija bl-isem ta' Eyetech Limited [C53835]. Di piu', Tonio Farrugia [K.I. nru. 255373M], firmatarju f' isem il-kumpanija ntimatata Ilead Solutions Limited fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013 qatt ma kien direttur u/jew azzjonist tal-istess kumpanija.

7. In konsegwenza ta' dan l-agir abbuziv, li ghandu jwassal ghat-telf tal-privilegg tal-limitazzjoni ta' responsabilita' koncess mill-Art. 67 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kumpanija attrici sofriet danni konsiderevoli b'tali mod li kemm-il darba t-talbiet taghha f' dawn il-proceduri ma jigux milqughha hija ser issib ruhha minghajr rimedju effettiv.

8. It-tentattivi sabiex tinstab soluzzjoni bonarja ghall-vertenza odjerna kienu bosta izda l-intimati, jew min minnhom, baqghu jistahbew wara l-personailta' guridika a skapitu tal-kumpanija rikorrenti; fatt li anke wahdu ghandu

jitqies bhala abbuz tal-limitazzjoni ta' responsabilita' koncess mill-Art. 67 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Christopher Sultana [K.I. nru. 393474M], jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Raguni tat-Talba

1. Ghar-ragunijiet premessi, kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri.

Talbiet:

**Jghidu ghalhekk l-intimati 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, wara li taghti dawk il-provvedimenti u taghmel dawk id-dikjarazzjonijiet li jidhrilha mehtiega, ghar-ragunijiet premessi:**

1. Tiddikjara illi l-intimati, jew min minnhom, naqsu milli jonoraw l-obbligi assunti minnhom fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013;

2. Tiddikjara iIli l-intimati, jew min minnhom abbuzaw, u/jew kienu kompartecipi fl-abbuz, mill-privilegg ta' responsabbilta' limitata mill-Art. 67 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ghalhekk tilfu l-istess privilegg;

3. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom ibbenefikaw illecitament mill-abbuz u/jew kompartecipazzjoni fl-istess u li huma, jew min minnhom, huma ghaldaqstant

solidalment responsabbli versu l-kumpanija attrici illimitatament;

4. Twarrab ghaldaqstant il-personalita' guridika separata tal-kumpanija Ilead Solutions Limited u zzomm lill-intimati, jew min minnhom, responsabbli solidalment u illimitatament versu l-kumpanija attrici fir-rispett tal-obbligi assunti fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013;

5. Tordna konsegwentement lill-intimati, jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jottemporaw ruhhom mal-obbligi assunti minnhom fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013;

6. Tiddikjara illi l-agir tal-intimati, jew min minnhom, ikkawza danni lill-kumpanija rikorrenti;

7. Tillikwida d-danni sofferti mill-kumpanija rikorrenti skont it-talba precedenti;

8. Fin-nuqqas li l-intimati jew min minnhom jonqsu li jottemporaw ruhhom mal-eventwali ordni ta' din l-Onorabbli Qorti skont il-hames talba jew fin-nuqqas ta' akkoljiment tal-istess talba, tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lill-kumpanija rikorrenti d-danni skont it-talba precedenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ntavolat kontestwalment mal-proceduri odjerni u bl-imghax fuq kull somma likwidata u/jew dovuta lill-

kumpannija rikorrenti mid-data illi l-istess saret hekk dovuta sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2015.

Rat ir-risposta guramentata ta' Ilead Solutions Ltd (C59752), Joseph Aquilina (ID. 581863M), Mark Aquilina (ID. 190773M) u Patrick Cutajar (ID. 142371M) datata 4 ta' Novembru 2015 (fol 22) fejn Patrick Cutajar qieghed bil-gurament tieghu ghan-nom tieghu u ghan-nom tal-intimati l-ohra jiddikjara illi huwa jaf b'dawn il-fatti personalment:

1. Illi preliminarjament, anke fuq livell ta' *prima facie,* ma' tezisti ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' rikorrenti Digital Interactive Limited (C53835) u l-intimati Joseph Aquilina (ID. 581863M), Mark Aquilina (ID. 190773M) u Patrick Cutajar (ID. 142371M) u dan ghaliex l-iskrittura privata tat-13 ta' Settembru 2013 kienet biss bejn is-socjeta' Digital Interactive Limited bhala venditrici u s-socjeta' Ilead Solutions Limited bhala kumpratrici, biex b'hekk l-istess intimati, diretturi tas-socjeta' Ilead Solutions Ltd ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-ewwel talba rikorrenti, is-socjeta' Ilead Solutions Ltd ma naqset mill-ebda obbligu kuntrattwali *stante* illi kif sejjer jigi ppruvat matul il-kors tal-kawza hija ppruvat taghmel minn kollox sabiex tassumi l-obbligazzjonijiet u

garanziji moghtija minn Digital Interactive Limited a favur il-Bank of Valletta p.l.c. fir-rigward tas-self *Jeremie,* xi haga li pero` finalment ma' setghetx taghmel mhux b'nuqqas taghha, imma b'konsegwenza tal-misrapprezentazzjonijiet li wettqet is-socjeta' rikorrenti fin-negozjati ta' qabel il-kuntratt u fuq il-kuntratt innifsu nkluz *inter alia* l-misrapprezentazzjoni illi kwalunkwe obbligazzjonijiet u garanziji setghu jigu assorbiti mill-kumpanija nnifisha (u mhux mid-diretturi taghha kif l-istess socjeta' rikorrenti qieghda tippretendi llum). Fir-rigward tal-istess l-ewwel talba rikorrenti, l-intimati l-ohra huma biss d-diretturi tas-socjeta' intimata u kwindi, anke kif isegwi mill-ewwel eccezzjoni preliminari f' din ir-risposta, huma ma' kellhom u m'ghandhom l-ebda obbligi kuntrattwali x'jirrispettaw naxxenti mill-kuntratt in kwistjoni;

3. Illi fir-rigward tat-tieni talba rikorrenti, l-Artikolu 67 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta japplika biss ghall-membri ossia azzjonisti u mhux ghad-diretturi ta' kumpanija jew ghall-kumpanija nnifisha, u ghaldaqstant huwa car illi l-intimati kollha qatt ma' jistghu jinstabu li abbuzaw minn xi privilegg li fi kwalunkwe kaz qatt ma' nghata lilhom;

4. Illi t-tielet, raba', hames, sitt, seba' u tmien talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma kollha kemm huma msejsa fuq, u huma korollarji ghall-ewwel u t-tieni talbiet rikorrenti, liema talbiet huma guridikalment insostenibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet diga' msemmija, u ghaldaqstant jsegwi illi l-istess tielet, raba', hames, sitt, seba' u tmien talbiet huma wkoll infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, apparti li qed jigi kkontestat illi r-rikorrenti soffriet xi danni, fl-istess hin l-istess rikorrenti trid tispjega lil din l-Onorabbli Qorti kif f' dawn il-proceduri hija qieghda titfa' l-ballun f' hogor l-istess Qorti fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni allegatament subiti minnha, pero` fl-istess nifs, fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (liema rikors huwa suggett ghal rikors ta' revoka intavolat mill-intimati), hija waslet ghal-likwidazzjoni ta' tali danni fl-ammont **ezatt** ta' mija u elf mitejn sitta u disghin ewro u sitta u tletin centezmu (€101,296.36);

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessibli mil-ligi, jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' rikorrenti ingunta in subizzjoni inkluzi dawk in konnessjoni mal-proceduri tar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju msemmi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Digital Interactive Limited datata 31 ta' Lulju 2018 a fol 320 *et sequitur* tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-intimati Ilead Solutions Limited datata 3 ta' Ottubru 2018 a fol 304 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Hamis, 25 ta' Ottubru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, li ddikjaraw li qed jistriehu fuq in-noti ta' osservazzjonijiet taghhom, u li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza

giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta` rikorrenti qed tipprocedi kontra l-intimati sabiex jigi dikjarat li l-intimati, jew min minnhom, naqsu milli jonoraw l-obbligi assunti minnhom fl-iskrittura datata 13 ta' Settembru 2013. Inoltre qed jigi allegat li l-intimati, jew min minnhom abbuzaw, u/jew kienu kompartecipi fl-abbuz, tal-privilegg ta' responsabbilta' limitata mill-Art. 67 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ghalhekk ghandhom jitqiesu li tilfu l-istess privilegg. Illi l-kumpanija rikorrenti talbet ukoll, li l-agir tal-intimati kkawza danni, ghalhekk qed titlob il-likwidazzjoni tad-danni u l-hlas tal-istess fin-nuqqas li jwettqu l-obbigazzjonijiet assunti skont il-ftehim imsemmi.

L-intimati laqghu preliminarjament, billi eccepew li m'hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjeta` Digital Interactive Limtied u l-intimati Joseph Aquilina, Mark Aquilina, u Patrick Cutajar, billi l-iskrittura sehhet bejn zewg kumpaniji. Fil-mertu gie sostnut li ma naqsitx fl-obbligi kuntrattwali, *stante* li ppruvat taghmel minn kollox biex tassumi l-obbligazzjonijiet u l-garanziji moghtija minn Digital Interactive Limited favur il-Bank rigward is-self Jeremie. Inoltre` gie eccepit, li l-artikolu 67 tal-Kap 386 japplika biss ghall-azzjonisti u mhux ghad-diretturi tal-kumpanija, ghalhekk, gie sostnut li l-intimati qatt

ma abbuzaw minn privilegg li qatt ma nghataw lilhom. Gie sostnut ukoll li s-socjeta` rikorrenti ma sofriet l-ebda danni, u b'referenza ghal-likwidazzjoni mitluba, saret referenza ghall-ammont ta' €101,296.36 fir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

**Fatti:**

Jirrizulta li gie ffirmat ftehim bejn Digital Interactive Limited (Di-ve) u Ilead Solutions Limited (Ilead), liema ftehim hu datat 13 ta' Settembru 2013, u jinsab esebit bhala Dok A a fol 7 *et sequens* tal-process. F'dan il-ftehim, Digital Interactive Limited ittrasferiet u bieghet lil Ilead Solutions Limited il-*portal* di-ve.com, bid-drittijiet, kontenut, interessi u pretensjonijiet kollha tal-istess *portal*. Ilead Solutions Limited intrabtet li tassumi l-obbligi u l-garanziji kollha moghtija minn Digital Interactive Limited favur il-Bank of Valletta ghas-self Jeremie, inkluz il-garanziji personali, li Digital Interactive kienet tat in garanzija lura tal-istess self, vigenti dakinhar tal-iffirmar tal-iskrittura. Sussegwentement ghall-iffirmar tal-ftehim, meta Ilead Solutions, gew infurmati mill-Bank of Valletta, li l-Jeremie *Loan* ma jistax jigi trasferit minn Digital Interactive Limited ghal Ilead, izda ried jinhareg self gdid, dan baqa' ma giex konkjuz. Jirrizulta li kienu saru diskussjonijiet u proposti mill-firmatarji li rraprezentaw lil Ilead sabiex jigi rinegozjat il-kuntratt li gie ffirmat Dok A. Izda, ma kien hemm l-ebda ezitu ghal dawn id-diskussjonijiet, u baqa' vigenti l-ftehim iffirmat fit-13 ta' Settembru 2013.

**Provi:**

**George Barbaro Sant** xehed permezz ta' affidavit (fol 32-33) qal li hu direttur ta' diversi kumpaniji fi hdan il-grupp ta' kumpaniji Alberta. Semma li kien gie kkuntatjat minn Christopher Sultana peress li l-kumpanija Go riedet l-operat tas-sit elettroniku www.di-ve.com. Spjega li l-kumpanija Digital Interactive Limited, iffurmata biex topera dan is-sit kienet akkwistat dan is-sit fl-2011, u biex topera s-sit il-kumpanija Digital Interactive kienet hadet facilita` ta' self Jeremie minghand il-BOV. Qal sabiex inghataw dan is-self hu u Chris Sultana taw lill-Bank garanzija personali u rahan fis-somma ta' €8000. Qal li fis-sena 2013, minkejja s-success tas-sit, il-grupp ta' kumpaniji Alberta hass li l-operat tas-sit in kwistjoni ma kienx parti mill-'core business' tal-grupp, ghalhekk gie deciz li jfittxu investituri biex jiehdu l-operat tas-sit. Spjega li kienu saru negozjati minnu bi qbil ma' Chris Sultana, ma' Patrick Cutajar u Tonio Farrugia, u permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Settembru 2013, Digital Interactive Limited ittrasferiet u bieghet lil Ilead Solutions Limited il-*portal* di-ve.com. F'dan il-kuntratt, Ilead Solutions Limited intrabtet li tassumi l-obbligi u l-garanziji kollha moghtija minn Digital Interactive Limited favur il-Bank of Valletta limitatament ghas-self Jeremie li Digital Interactive kienet hadet ghal dan is-sit.

Zied ighid, li l-intimati naqsu milli jonorow l-obbligi taghhom skont il-kuntratt datat 13 ta' Settembru 2013. Fil-fatt, ikkonferma li kienu thallsu biss erba' pagamenti mensili ghas-self Jeremie. Qal li anke meta bdew jitkellmu mal-

avukati, l-informazzjoni li kienet taslilhom kienet li daqt jaslu mal-Bank of Valletta, izda qatt ma sar xejn u lanqas sforz sabiex tigi sostitwita l-garanzija u r-rahan. Ghalhekk, kellhom jipprocedu bil-kaz odjern, biex jigi dikjarat li Ilead Solutions Limited, Patrick Cutajar, Mark Aquilina u Joseph Aquilina naqsu milli jonoraw l-obbligi assunti fil-kuntratt datat 13 ta' Settembru 2013.

**Christopher Sultana** xehed permezz ta' affidavit (fol 34-37) u qal li hu flimkien ma' Elizabeth Barbaro Sant hu direttur u *shareholder* tal-kumpanija Digital Interactive Limited. Qal li kienu saru jafu li Go riedet tbiegh il-*portal* www.di-ve.com. Spjega li George Barbaro Sant kien interessa ruhu u qabbad konsulenti, u ghalkemm is-sit kien sejjer tajjeb, fl-2013, il-grupp ta' kumpaniji mmexxi minn George Barbaro Sant iddecieda li jikkonsolida l-portafoll tal-grupp, inhass li s-sit in kwistjoni ma kienx jifforma parti mill-'core business' tal-grupp, u wara serje ta' negozjati kien intlahaq ftehim, bejn George Barbaro Sant bi ftehim mieghu, u mill-parti l-ohra ma' Patrick Cutajar u Tonio Farrugia. Fin-negozjati, kien gie spjegat dak iz-zmien, li l-kumpanija kellha *sales* ikkonfermati u mhallsa sal-ahhar tas-sena 2013, li jammontaw ghal madwar €16,000.

Zied ighid li permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Settembru 2013, Digital Interactive ittrasferiet u bieghet lil Ilead Solutions Limited, u Ilead Solutions intrabtet li tassumi l-obbligi u l-garanziji moghtija kollha minn Digital Interactive Limited favur il-Bank of Valletta limitatament ghas-self Jeremie. Semma wkoll li s-sidien il-godda tal-operat kienu

talbuh biex ikompli jahdem fis-sit, liema talba kienet giet inkluza bhala kundizzjoni fil-kuntratt, fejn kellu anke jithallas salarju, izda peress li kien gie avvicinat sussewgwentement ghall-bejgh, biex jitnaqqas is-salarju tieghu u minflok, jinghata *performance bonus*, hu ma kienx accetta dan u b'hekk ittermina l-impjieg tieghu.

Qal li l-intimati naqsu milli jwettqu l-obbligi taghhom skont il-kuntratt datat 13 ta' Settembru 2013, *stante* li naqsu milli jassumu s-self Jeremie u kif ukoll milli jissostitwixxu l-garanziji moghtija minn Digital Interactive Limited. Fil-fatt qal, li thallsu biss erba' pagamenti mensili fir-rigward tas-self Jeremie kif kien maqbul u pagament wiehed ta' €1,000. Spjega li wara li kien ittermina l-impjieg tieghu, l-avukat taghhom kien baghat ittra interpellatorja sabiex isiru l-pagamenti fil-kuntratt iffirmat f'Settembru 2013. Semma wkoll li kienu fethu trattativi ma' Patrick Cutajar u Tonio Farrugia li dejjem saru fil-prezenza tal-avukati taghhom, izda l-proposti taghhom ma gewx accettati min-naha l-ohra. Qal ukoll, li f'Novembru 2014, Ilead Solutions Limited ittrasferiet in-negozju taghha relatat ma' *web management*, dak fil-linja tal-kuntratt datat 13 ta' Settembru 2013 lill-kumpanija Eyetech Limited. Hu sar jaf dan mis-*social media* u esebixxa Dok CS1 biex juri dan.

**In-Nutar Joseph Smith La Rosa** (fol 51-54)[1], muri l-iskrittura esebita a fol 7 tal-process, ikkonferma li kien hejja din l-iskrittura. Qal li hu ma kienx involut f'negozjati qabel dik l-iskrittura, kien mar dakinhar l-Alberta, tkellmu u dakinhar

[1] Seduta tat-2 ta' Frar 2016

stess idraftjaw il-kuntratt. Spjega li skont kif kienu qed jitkellmu dak in nhar, il-Lego 1 hija garanzija bankarja, garanzija personali li persuna jaghti lill-Bank. Il-ftehim kien li wara l-iffirmar tal-kuntratt, il-garanzija Lego 1 kellha tinqeleb fuq Ilead Solutions Limited, fil-fatt qal il-partijiet kienu ddiskutew dan.

M - *Meta tghid kienu qed isemmuha, Nutar, jekk joghgbok tiftakar x'kienu qed isemmu fuq il-Lego 1 u l-garanziji personali? Mill-memorja.*
Xhud: *Li jinqelbu kif huwa miktub hekk.*
*- omissis-*
M - *Milli stajt tifhem inti nutar, il-partijiet kienu konxji tat-tifsira ta' Lego 1's pledges u cash guarantees.*
Xhud: *Nimmagina li kienu.*
Qorti: *Mhux li timmagina.*
Xhud: *Kienu konxji, ghax huma kollha nies fin-negozju.*
*....Il-kelma 'nimmagina' kienet out of place kompletament, ghax la qed jirrikordjaw, ...jigifieri hargitli hazin, ghax kienu jafu x'inhu.*

**In kontro-ezami** (fol 247-252)[2] mistoqsi jekk kienx ivverifika li l-persuni li gew jiffirmaw l-iskrittura kellhomx ir-rapprezentanza guridika tal-kumpanija, li kienu qed jirraprezentaw, qal li ma vverifikax, ikun staqsihom zgur. Mistoqsi ezzattament dwar dak stipulat fl-iskrittura, li Ilead Solutions kienet obbligat ruhha li tiehu l-obbligazzjonijiet ta' Digital Interactive, inkluz dawk ta' Lego 1, ikkonferma li iva hekk hu. Qal li dakinhar li kienu quddiemu, dwar il-Jeremie

[2] Seduta tat-23 ta' Marzu 2017.

*loan*, hu kellu dubju jistax jinqeleb l-istess Jeremie *loan*, u ghalhekk, kien talabhom jivverifikaw fuq it-telefon ma' ufficjali tal-Bank dwar dan.

Semma li dak il-hin ghamlu xi telefonati biex jassiguraw li jistghu jinqelbu. Hu qabel li skont l-iskrittura Ilead Solutions kellha tiehu l-obbligazzjonijiet ta' Digital Interactive inkluz tal-Lego 1. Mistoqsi jsegwix li Lego 1 kellhom jittiehdu personalment mid-Diretturi, qal, li jikkonferma li skont l-iskrittura Ilead Solutions Limited qed tobbliga ruhhha li tiehu l-obbligazzjonijiet u l-hlasijiet. Mistoqsi jekk hemmx imnizel li d-Diretturi kellhom jiehdu l-Lego 1 huma, ighid li m'hemmx imnizzel hekk. Qal li dak il-hin, lill-partijiet, kien spjegalhom, li l-Lego 1 hija garanzija personali, izda ma jafx kemm qalilhom dettalji aktar dwar dan. Mistoqsi jafx li l-Lego 1 tintuza biss mill-BOV qal, li ma jafx dwar dan. Qal li hu meta spjegalhom, lill-partijiet kien ghamel enfasi li jiehdu *over* kollox minghand Digital Interactive Ltd. Dwar il-Jeremie *loan*, kellu esperjenza minn klijenti ohra, u kien a konoxxenza tal-fatt li difficilment tigi trasferita. Mistoqsi minhabba l-Lego 1 kienx a konoxxenza tal-fatt, li certu nies li kienu diretturi taz-zewg kumpaniji ma kinux hemm, qal, li dan il-kuntratt kien gie ffirmat bhala kaz klassiku ta' emergenza. Mistoqsi min kien cempel, qal George Barbaro Sant kien cempel lil xi ufficjal tal-Bank fuq il-mobile peress li kien filghaxija. Dwar Jeremie *loan*, qal li dan kien offrut biss mill-Bank of Valletta.

**Liz Barbaro Sant** xehdet permezz ta' affidavit (fol 92) qalet li hi direttrici flimkien ma' Digital Interactive Limited u

ikkonfermat dak li xehed missierha George Barbaro Sant dwar id-decizjoni li jinbiegh l-avvjament tas-sit elettroniku di-ve.com. Qalet li hi ma kinitx involuta fin-negozjati, meta saru d-diskussjonijiet u l-kuntratt mal-akkwirenti li akkwistaw il-*portal* tad-Di-ve.

**Louis Bartolo** xehed permezz ta' affidavit (fol 93) u qal li f'Settembru 2013, kien gie mistoqsi minn George Barbaro Sant, jekk jistghux jighinu kumpanija Eyetech Limited. Qal li kien ikkuntatja lil Patrick Cutajar, u kienu talbu *quote*, u kienu sussegwentement qalulu li ma jistghux jipprovdu kampjun ghal dak mitlub. Semma li fis-17 ta' Dicembru 2013, Eyetech Ltd, kienet hadet il-computers tad-di-ve *portal*, u fl-20 ta' Dicembru 2018, izda kienu nfurmawh li m'hemm l-ebda kampjuni jew *demo units* bit-*testing* kif rikjest minnu, u gie offrut 'discount' jekk jiehu l-*units* minghajr *testing*, izda hu rrifjuta ghax riedhom bit-'testing'.

**Il-PL Quintin Tanti** in rapprezentanza tal-MFSA xehed (fol 96-99)[3] u qal li Ilead Solutions Limited kienet registrata fil-21 ta' Marzu 2013 u ghadha registrata. Qal li fit-13 ta' Settembru 2013, id-diretturi kienu tlieta, senjatament Joseph Aquilina, Mark Aquilina, u Patrick Cutajar. Hu esebixxa Dok MFSA1.

**In kontro-ezami** (fol 245-246)[4] qal, li skont ir-*reconds* mizmuma id-diretturi ta' Digital Interactive, huma Elisabeth Barbaro Sant u Christopher Sultana, u d-Director's report

[3] Seduta tal-31 ta' Mejju 2016.
[4] Seduta tat-23 ta' Marzu 2017.

huwa approvat u ffirmat minn Elizabeth Barbaro Sant u Christopher Sultana.

**Ronald Dalli** xehed (fol 96-99, 123-124)[5] u esebixxa kopja tal-kuntratt ta' self Dok BOV1, u jinkorpora l-kondizzjonijiet kollha tas-self. Esebixxa Dok BOV2, li juri l-hlasijiet li saru ghal dak is-self, u Dok BOV3 - noti dwar min ghamel id-depoziti. Hu spjega li meta jkun irid isir trasferiment ta' self, tinghata facilita gdida li jkun hemm kumpanija separata. Esebixxa wkoll Dok BOV4 u BOV5, l-istatements tal-*loan* tal-Jeremie account.

**George Mifsud** xehed permezz ta' affidavit (fol 133) u qal li hu c-Chairman ta' Marketing Communications. Qal li fl-2013, George Barbaro Sant kien infurmah, li kien intlahaq ftehim dwar il-bejgh tal-*portal* website di-ve.com, u talbu jghin lix-xerrejja biex jidderigi lejhom klijenti li jkunu jridu jirreklamaw. Spjega li kienu ltaqghu fl-ufficju tieghu, ma zewgt irgiel li ma jiftakarx isimhom, u kien infurmahom li l-ewwel il-*website* trid tilhaq certa kwalita` sabiex iressaq il-klijenti ghar-reklamar, izda minn dakinhar ma kienx rega' sema' b'ahbarhom.

**Alison Camilleri** xehdet (fol133a-133c)[6] u qalet li giet avvicinata minn klijenti li kienu ser jiehdu di-ve *portal*, u spjegawlhom li riedu jiehdu Jeremie*loan*, li hija *grant* mill-Unjoni Ewropea fejn ikun hemm inqas rata ta' imghax u anqas *security*. Qalet li generalment taht il-Jeremie *loan*, 25% tal-facilita` trid tkun *secured* b'*tangible security*.

[5] Seduta tal-31 ta' Mejju 2016; Seduta tal-5 ta' Lulju 2016.
[6] Seduta tal-15 ta' Novembru 2016.

Mistoqsija jekk wahda mis-*securities* tal-Jeremie *loan* kinietx Lego 1 garanzija personali, qalet, li ma tiftakarx. Qalet li ma jsirx trasferiment tal-Jeremie *loan*, izda jigi negozjat Jeremie *loan* gdid. Qalet l-applikazzjoni ghall-Jeremie *loan* ta' Ilead Solutions Limited waqqafha l-Bank ghax ra li l-kumpanija ma kinitx b'sahhitha finanzjarjament.

**Christopher Sultana** xehed (fol 133d-133i)[7] u qal, li hu Direttur f'Digital Interactive, u l-Jeremie *loan* illum m'ghadux jezisti. Wara li bieghu l-operat tal-*portal* Di-ve, il-bank baqa' jistenna li l-Jeremie *loan* jithallas minn Digital Interactive, meta l-intimati ma hallsux, il-Bank dar fuqu personali, biex il-garanziji tal-Lego 1 jigu 'forfeited'. Hu esebixxa Dok CS1 u CS2 li juru dan. Spjega li l-flejjes ma thallsux direttament mil-*loan* account izda mill-kont ta' Digital Interactive Ltd., kif jidher minn Dok CS3.

**In kontro-ezami** mistoqsi jekk kinux saru diskussjonijiet precedentement ghall-iskrittura iffirmat jew kienx sar kollox dakinhar tal-iffirmar, qal li kien hemm negozjati u diskussjonijiet precedenti.

**In kontro-ezami** (fol 214-223)[8] qal li hu kien ta l-access ghall-*audited accounts* qabel gie trasferit is-sit lil Ilead Solutions. Mistoqsi jekk kinux *management accounts* mhux ifirmati, qal li jiftakar li kienu ffirmati ghax baghtuhomlu lura tramite l-avukat peress li riduhom iffirmati. Referut ghal Dok AN1, qal, li jiftakaru dan id-dokument, esebit mal-affidavit ta'

[7] Seduta tal-15 ta' Novembru 2016.
[8] Seduta tal-14 ta' Frar 2017.

Mark Aquilina, li juri li l-kumpanija kellha *sales* ikkonfermati u mhallsa, qal, li jista' jkun li hejjieh hu dan id-dokument. Mistoqsi jekk dak li kienu qed jinsistu fuqu fil-kuntratt, li l-Jeremie *loan* jithallas minn Ilead ma setax jigi attwat, minhabba n-natura tal-Jeremie *loan*, qal li le, ma kienx jaf. Mistoqsi wkoll dwar *run pledge* ta' tmint elef li ssemma' fl-affidavit tieghu, ghaliex dan ma kienx issemma fl-iskrittura ffirmata, qal li ma jafx ghalfejn. Mistoqsi jekk in-nies prezenti ghall-iffirmar tal-kuntratt setghux joffru garanzija personali, qal li iva. Ghall-kuntratt iffirmat quddiem in-Nutar La Rosa ma kienx hemm nisa prezenti biex jiffirmaw. Meta kien impjegat ma' Ilead Solutions kien ukoll direttur ta' Digital Interactive Limited. Mistoqsi jekk ix-xoghol li insistew fuqu li jaghmel hu kienx sinifikanti ghan-*news portal*, qal li ma jistax ighid hu. Mistoqsi jekk Ilead kellhomx jiehdu *loan* iehor sabiex jissostitwixxu l-*loan* tal-Jeremie *loan* li kien fuq Digital Ineractive Ltd. qal, li iva, fil-fehma tieghu. Mistoqsi izda jekk dan tnizzilx fil-kuntratt, qal, li le. Mistoqsi kienx ivverifika min kienu d-diretturi ta' Ilead Solutions qabel l-iffirmar tal-kuntratt qal, li le. Qal li hu gurnalist.

**Omar Said** xehed permezz ta' affidavit (fol 46-147) qal li f'Settembru 2013, kienet saritilhom proposta biex jiehdu l-*portal* www.di-ve.com, u dak iz-zmien hu kien jiehu hsieb id-*day-to-day operations* ta' Ilead Solutions Limited. Qal li kien halla lil Patrick u lil Tonio jigbru l-informazzjoni, u fil-fatt fit-13 ta' Settembru, Patrick, Joe, u Tonio kienu marru ghall-iffirmar tal-kuntratt. Qal li sussegwentement ghall-iffirmar tal-kuntratt l-involviment tieghu fid-Di-ve *portal* kien minimu. Semma li Patrick u Tonio kienu jaghtu hafna sighat ghall-

*portal* in kwistjoni, u Chris ta' Digital Interactive ma tantx kien ta support u ghajnuna. Qal li mill-aspett finanzjarju ta' Ilead ma kienx sejjer sew u kien hemm Di-versi tentattivi min-naha ta' Ilead biex jergghu jinnegozjaw il-ftehim ma' Digital Interactive Limited, izda, dan ma sarx. Qal li hu Direttur ta' Eyetech Limited.

**In kontro-ezami** xehed (fol 309-312)[9] u qal li hu *shareholder* tal-kumpanija Ilead, u ma kienx direttament involut fin-negozjati li saru. Hu kkonferma li Ilead Solutions diga kienet '*a nonprofitable company'* meta gie ffirmat il-kuntratt in kwistjoni fit-13 ta' Settembru 2013. Mistoqsi dwar dak li sostna li gie mwieghed li kellhom jircievu xi fondi wara l-iffirmar tal-kuntratt, mistoqsi jekk hemmx dan indikat fil-kuntratt iffirmat, qal li le. Hu kkonferma li x-*shareholders* ta' Ilead hallsu personalment id-dejn ta' Ilead inkluz il-paga lil Chris Sultana. Mistoqsi minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Ilead Solutions, meta kien hemm il-bzonn li jitfghu fondi fil-kumpanija min kien jaghmel tajjeb jekk hux ix-*shareholders* jew id-diretturi, qal li x-*shareholders*.

**Mark Anthony Aquilina** xehed permezz ta' affidavit (fol 148-152), qal li f'Settembru 2013, Patrick Cutajar infurmah li kienu ser jiehdu n-*news portal* di-ve.com, u kienu ltaqghu ma' Chris Sultana dwar dan. Spjega li qabel ma ffirmaw il-ftehim, kienu talbu l-ghajnuna ta' Chris Sultana, biex ighin fil-gurnalizmu. Qal li hu ma kienx prezenti meta gie ffirmat il-kuntratt, izda minn qari tal-kuntratt meta ssemma l-Lego1 fil-kuntratt qies li dan ma kienx ta' importanza kbira peress li l-

[9] Seduta tal-24 ta' Mejju 2018.

kuntratt kien iffirmat bejn zewg *Limited Liability companies*. Qal li Chris Sultana ma kienx ikkontribwixxa wisq ghan-*news portal* kif miftiehem, u ghalhekk dan wassal ghal nuqqas ta' kwalita fl-inews tas-sit in kwistjoni, li wassal ukoll ghal nuqqas fin-negozju, u kien mill-ewwel sa xahar u nofs wara l-iffirmar tal-kuntratt li l-entuzjazmu ta' Chris Sultana kien naqas sew. Izda, qal, li huma baqghu jaghmlu t-tentattivi taghhom ghas-sit. Semma li Chris spicca bhala impjegat mal-kumpanija fil-31 ta' Marzu 2014, u thallas mix-*shareholders* personalment peress li l-finanzi tal-kumpanija Ilead ma kinux jippermettu dan. Qal li kienu anke ppruvaw jirrenegozjaw il-ftehim, u tkellmu ma' George Barbaro Sant u mal-avukat dwar dan. Qal li hu u martu batew il-konsegwenzi tal-mandat ta' sekwetsru ipprezentat minn Digital Interactive Ltd. meta hu lanqas biss kien firmatarju tal-ftehim in kwistjoni. Fl-ahharnet qal, li l-Bank of Valletta, kien irrifjuta ir-rikjesta taghhom ghal Jeremie *loan* iehor.

**In kontro-ezami** qal (fol 314-319)[10] li hu bhala *accountant* kien jaf x'inhi l-Lego 1, hu ma setax imur jiffirma l-kuntratt. Ikkonferma li fid-data tal-kuntratt Ilead ma kellhiex assi, izda qal li kienet '*start up company'.* Qal li hu kien lest jaghti garanzija personali, mistoqsi ghalhekk ghaliex ma kienux hadu self mill-Bank ghall-Jeremie *loan*, qal, li sa fejn jaf hu il-Bank ma awtorizzax Jeremie *loan* gdid, u l-Bank kien ikkonsidra l-performance tal-*business* ta' Ilead Solutions Ltd. Qal li x-*shareholders* hallsu dak dovut f'VAT u dejn iehor tal-kumpanija.

[10] Seduta datata 31 ta' Mejju 2018.

**In ri-ezami** qal, li x-*shareholders* u d-diretturi ta' Ilead Solutions mhumiex l-istess, hemm tnejn separati, izda, kkonferma, li min iffirma l-kuntratt in kwistjoni huma diretturi tax-*shareholders*.

**Tonio Farrugia** xehed permezz ta' affidavit (fol 155-163) qal li f'Awwissu 2013, Patrick Cutajar kien infurmahom bit-trasferiment tan-*news portal* www.di-ve.com. Qal li kienu gew diskussi l-*costs* u l-*performance*, u diversi problemi ohra, bhal kera gholja, *turnover*, u *operational costs*. Illi kienet giet spjegata l-kwistjoni tal-Jeremie *loan*. Semma li kienu saru diversi laqghat u gie spjegat, li ser jghaddulhom l-*adverstising business* min-naha ta' Alberta, xi haga li qatt ma sehhet. Qal li kienu insistew li Chris Sultana jibqa' jikkontribwixxi minhabba l-kwalitajiet tieghu fil-gurnalizmu, u kien gie maqbul li Sultana jkun impjegat ta' Ilead Solutions Ltd. Qal li sussegwentement, kienu ltaqghu hu, Patrick Cutajar u Joe Aquilina biex jiffirmaw fit-13 ta' Settembru 2013. Qal li huma mill-ewwel bdew jahdmu bl-istrategija gdida, u l-pjan kien li Chris Sultana ikun involut fl-aspett editorjali, u b'xokk saru jafu li Chris Sultana u Barbaro Sant riedu jikkaxxjaw *invoices* kollha sal-ahhar tas-sena lil Digital Interactive Ltd, b'hekk meta bdew in-negozju beda fuq sieq hazina. Sussegwentement, qal, li Ilead, fl-ahhar tal-2013 ma kellhiex bizzejjed *cash*, u bdew jonqsu milli jaghmlu l-pagamenti mensili dovuti u 'commitments' ohra. Zied ighid li meta telaq Chris Sultana mill-impjieg, ingaggaw persuna ohra bhala editur, u ppruvaw ikomplu jahdmu, u fil-frattemp, beda jkollhom *meetings* ukoll mal-BOV rigward il-Jeremie *loan*. Qal li in segwitu, kien qed ikun hemm *sales income*

baxx, u ma bdewx ilahqu mal-'commitments' finanzjarji. Spjega li kien hemm laqgha ma' George Barbaro Sant f'April 2014, sabiex jippruvaw jergghu jinnegozjaw il-kuntratt, izda dan ma sehhx. Qal li eventwalment, meta ma sabx aktar kooperazzjoni minghand Chris Sultana, gie propost li Ilead Solutions ghandha ssib xerreja alternattivi u gie propost fil-*Board meeting*, li x-*shareholders* tal-kumpanija Ilead Solutions Ltd. jintervjenu biex jithallsu pagamenti ta' taxxa u VAT pendenti, kif ukoll ta' pagi. Fl-ahharnett, qal li Ilead Solutions Limited waqfet topera fil-31 ta' Dicembru 2014.

**In kontro-ezami** qal (fol 292-302; 304-307)[11] li bhala *accountant* hu familjari ma' Lego1, izda l-implikazzjonijiet ma jaqghux fir-remit tal-accountant izda fir-remit tal-avukat. Mistoqsi jekk Lego 1 hijiex formula tal-BOV, u bhala formola *standard* ma tinbidilx qal li ma jistax ighid dwar dan. Qal li l-*managerial account* kienu ghaddewhomlhom. Qal li hu ma kienx Direttur ta' Ilead u lanqas *shareholder*. Qal li hu kien hemm bhala firmatarju f'isem Ilead mhux f'isem persuna ohra. Qal li meta ffirmaw ma kinux jafu x'bilanc kellu l-Jeremie *loan*, kienu taht pressjoni ta' hin u lanqas kelhom cans jiehdu parir legali, peress li l-avukat taghhom kien imsiefer dak iz-zmien. Mistoqsi specifikament dwar il-Jeremie *loan*, u mistoqsi jekk il-Bank kienx offra li johrog facilita` gdida ta' Jeremie *loan*, izda intalbet garanzija personali, li huma ma accettawx, qal li iva. Hu kkjarifika, li huma ffirmaw biex Ilead tiehu hi l-Jeremie *loan*, u dak li kien semmielhom il-Bank hu li jridu jidhlu jaghmlu tajjeb personalment. Il-Bank kien infurmahom li ma setax

[11] Seduta tal-1 ta' Frar 2018; Seduta tat-22 ta' Marzu 2018.

jaghtihom Jeremie *loan* ohra ghax kienu kollha mehudin, offrewlhom self iehor, fejn anke l-garanziji ma kinux 20%, 5% *cover*, izda kienu 130% *cover*, izda qalulhom ukoll, li kien hemm il-possibilta` ta' kondizzjonijiet tal-Jeremie *loan*.

Meta kienu marru l-Bank u saru jafu li l-Jeremie *loan* ma jistax jigi trasferit, l-ghazliet kienu jew *loan* kummercjali, li ovvjament ma jkunx bl-istess kondizzjonijiet. Spjega li ovvjament, meta marru l-Bank, il-bank isaqsi l-istat tal-kumpanija kif inhi, u minhabba l-fatti li diga semma is-€16,000 li qatt ma waslu u fatturi ohra, il-Bank ma ghogbitux is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija Ilead. Zied ighid ukoll, li l-garanzija personali tad-diretturi ma kinitx parti mill-ftehim miftiehem. Possibilita` mill-Bank, li jigu 'sliced in' ghal Jeremie *loan* gdid kien hemm, izda qatt ma gew offruti dan mill-bank. Qal li llum Ilead m'ghandhiex assi, hija 'dormant.'

**In ri-ezami** qal, li l-Jeremie *loan* li kienu qed jinnegozjaw mal-Bank kellha tiehdu Ilead Solutions. Fin-negozjati mal-Bank, intalbet Lego 1 li hija garanzija personali tad-diretturi, fil-kuntratt li ffirmaw, ma kienx hemm specifikatament indikat hekk, kien hemm indikat li l-garanzija trid taghmilha l-kumpanija.

**Joseph Aquilina** xehed permezz ta' affidavit (fol 209) u qal, li jikkonferma l-affidavits ta' Omar Said u Mark Aquilina u ta' Tonio Farrugia. Semma li meta marru biex jiffirmaw il-kuntratt ma hadux lil marthom, peress li ma kienux qed jiffirmaw fil-kapacita personali taghhom. Qal li skont l-iskrittura il-kumpanija Ilead kellha tiehu l-Jeremie *loan*. Qal

li lanqas kien familjari mas-suggett tal-Jeremie *loan* u l-Lego1, tant li haseb li l-Lego1 kienet relatata mal-Jeremie *loan*, u kien sussegwentement li sar jaf li l-Lego1 kienu formoli ta' *bank guarantees*.

**In kontro-ezami** qal (fol 284-288)[12] li kien issemma li l-Jeremie *loan* kienet ser tittiehed minn Ilead Solutions Ltd. Qal li hu kien mitlub biss biex jiffirma l-kuntratt. Dwar Lego1, ikkonferma li ma kienx jaf ezattament x'inhi. Qal li meta ffirmaw il-kuntratt in kwistjoni hu kien bl-intendiment li hu *business to business*, u ma haseb li kien hemm l-ebda obbligi personali. Hu kkonferma li Ilead ma kellhiex assi dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratt. Mistoqsi dwar il-kliem 'cash guarantee' li ssemma fil-kuntratt, kif kien ser jithallas dan la Ilead ma kellhiex assi, qal li huma malli ffirmaw, kienu bl-idea li jmorru jinnegozjaw mal-BOV. Qal li hu ma kienx involut fl-operat, kien biss Direttur. Qal, li jaf li kien hemm laqgha biex jigi rinegozjat il-kuntratt, izda hu ma kienx involut. Qal li Ilead ghadha kumpanija minghajr assi. Spjega li dakinhar li kienu ghand in-nutar biex jiffirmaw, in-Nutar ma kienx spjegalhom x'inhu Jeremie *loan* u x'inhu Lego1.

**Patrick Cutajar** xehed (fol 258-262; fol 270-282)[13] u qal li hu Direttur ta' Ilead Solutions Limited u xi kumpaniji ohra. Spjega li dakinhar li ffirmaw ghand in-Nutar La Rosa, il-ftehim verbali kien li jhallsu hmistax-il elf ewro bhala 'goodwill' u jiehdu over il-Jeremie *loan* li kellhom Digital Interactive, u ghalhekk qablu li dawn jitnizzlu fil-kuntratt, u

---

[12] Seduta tat-23 ta' Novembru 2017.
[13] Seduta tat-13 ta' Gunju 2017; Seduta tas-17 ta' Ottubru 2017.

qablu wkoll li Chris Sultana jibqa' jahdem maghhom, kif tnizzel fil-kuntratt. Semma li l-kuntratt kien inkiteb min-Nutar dak il-hin li kienu prezenti ghandu. Qal li nkiteb il-kuntratt imbaghad huma qrawh, kien hemm imnizzel li l-Jeremie *loan* kellu jigi trasferit minn Digital Interactive ghal Ilead Solutions Limited. Semma wkoll, li kien hemm klawsola importanti li t-transfer tal-Jeremie *loan*, li jekk il-Bank ma jaccettax, din il-*loan* tigi trasferita, ghandhom ix-xelta li jirrenogazjaw il-kuntratt. Qal li sar il-kuntratt, iffirmaw u beda l-operat, u wara tliet xhur bdew jaraw li l-*performance sales* ma bdewx gejjin, li s-16,000, li kienu raw fl-i*strategic plan* qabel ma ffirmaw ma mmaterjalizzawx, anzi riedu jehduhom Digital Interactive, tas-sales li kienu diga saru. Spjega wkoll, li wara l-iffirmar tal-kuntratt, min-naha ta' Tonio Farrugia, bdew in-negozjati mal-Bank biex isir it-transfer tal-Jeremie *loan*, u l-Bank kien dam ftit ma infurmahom, li dan it-trasferiment ma setax isehh.  Qal li sussegwentement, kienu infurmaw lil Digital Interactive b'dan u anke pproponew biex jirrenogazjaw il-kuntratt, izda dak kollu propost, gie rifjutat u dejjem inghataw risposta li dak kien il-kuntratt iffirmat u riedu jimxu mieghu.  Qal li Chris Sultana dam impjegat maghhom sa Marzu 2014, sa sitt xhur wara l-iffirmar tal-kuntratt.

**In kontro-ezami** qal, li kienu ghaddewlhom il-*Managerial accounts* qabel, l-iffirmar tal-kuntratt, izda l-*managerial accounts* ma kienux ghadhom *audited*. Mistoqsi jekk mill-ammont ta' hmistax il-elf ewro imnizzlin fil-kuntratt kien thallas biss l-ammont ta' €1,000, qal li iva. Qal li l-Jeremie *loan* kien issemma fl-ewwel laqgha li kellhom, u mbaghad gie mnizzel fl-iskrittura. Dwar Lego1 jaf li hija garanzija, izda

ma kienx jafx li hija garanzija personali, minkejja li hu fin-negozju. Kien iffirma xi kuntratt b'Lego 1 fil-passat, izda ma kienx jaf l-implikazzjonijiet. Hu kkonferma li kienu hallsu lil Digital Interactive l-ekwivalenti ta' erba' hlasijiet rateali ghax l-intenzjoni hemm kienet. Qal li huma gew rinfaccjati minn informazzjoni mill-BOV li ma kienx possibbli li jigi trasferit il-Jeremie *loan*. Il-Bank kien infurmahom li jistghu jiehdu self normali, izda kieku ghamlu hekk, kien jibdel ix-xenarju kollu, ghax l-interessi kienu ser jirdoppjaw b'self normali. Mistoqsi jekk kinux lesti jiehdu garanzija personali qal li jekk ikun hemm ix-xoghol ghaddej iva. Is-self il-gdid li offra l-bank kien jimponi garanzija personali bil-familja b'kollox. Meta l-Bank qalilhom li ma setax isir it-trasferiment ta' Lego 1, huma kienu ltaqghu, ma' Chris Sultana u ma' George Barbaro Sant f'*hotel* u kien hemm Tonio Farrugia wkoll, u kienu qalulhom, li dak li kien miftiehem kien miftiehem, u ma kien ser jinbidel xejn u hu ghad ghandu l-minuti tal-laqgha. Ikkonferma li l-pagamenti kienu waqfu qabel meta ma bediex jidhol 'cash'. Qal li l-*portal* tfewh huma, meta ma setghux ikomplu, f'Dicembru 2015. Semma li fid-data tal-iffirmar tal-kuntratt Ilead ma kellhiex assi, u huma kienu xtraw il-*portal* ghax emmnu li ser idawwar il-flus skont dak miftiehem. Qal li huma bhala individwi sekwestrati b'mandat iddepozitaw flus, bejn wiehed u iehor wiehed u ghoxrin elf ewro.

Rigward il-garanzija personali, qal li meta marru jiffirmaw, hadd ma gab in-nisa u n-Nutar ma kienx gibdilhom l-attenzjoni li kien hemm bzonn in-nisa biex jiffirmaw. Qal li s-sekwestru kien kontrihom personalment, izda dak is-

sekwestru llum m'ghadux qed jolqot il-kontijiet taghhom, ghaliex iddepozitaw il-flus il-Bank u ghamlu garanzija l-Qorti. Qal ukoll li m'hemmx kredituri ohra ta' Ilead Solutions Ltd. minbarra Digital Interctive Limited.

**L-ewwel eccezzjoni tal-intimati:**

Illi gie eccepit preliminarjament, li ma tezisti l-ebda relazzjoni giuridika bejn is-socjeta` rikorrenti Digital Interactive Limited u l-intimati Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar, u dan ghaliex l-iskrittura privata tat-13 ta' Settembru 2013 kienet biss bejn Digital Interactive Limited u s-socjeta' Ilead Solutions Limited, b'hekk l-istess intimati diretturi tas-socjeta' Ilead Solutions Limited ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-intimati Joseph Aquilina Mark Aquilina u Patrick Cutajar qed jeccepixxu li mhumiex responsabbli personalment ghal dak li assumiet is-socjeta` Ilead Solutions Limited fl-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013.

Illi gie sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' rikorrenti, b' referenza ghal diversi sentenzi tal-Qrati Taghna, li Direttur ta' kumpannija jista' jkun responsabbli ghad-djun tal-kumpannija, (ad ez. **Nevada Ltd. et vs Hubert Mifsud et noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar 2004 - Cit.1659/1995/1; u **Dr. Andrew Borg Cardona noe vs Priceclub (Holdings) Limited** deciza fit-12 ta' Ottubru 2007 Rik. Gur.25/2003); fejn il-persuna inkarigata

bit-tmexxija tal-kumpanija giet meqjusa solidament responsabbli ghad-dejn tal-kumpanija.

Ikkonsidrat li dak li qed titlob l-attrici f'dan il-kaz hu l-'lifting of the corporate veil'. Ghalkemm il-principju regolatur hu li socjeta` ghandha personalita' distinta mill-individwi li jikkomponuha u hi persuna morali distinta minn persuna fizika, il-Qrati dejjem sostnew li f'kazijiet partikolari l-mantell tal-personalita` guridika ghandu jigi mnehhi fejn jirrizulta l-*mala fede*. Il-Qorti tqis illi s-socjeta' attrici qed tallega precizament dan.

Ikkonsidrat li permezz tar-raba' talba kif dedotta qed jintalab specifikament li titwarrab il-personalita` guridika distinta tal-kumpanija Ilead Solutions Limted, b'mod li l-intimati jinzammu solidalment responsabbli verso l-kumpannija attrici. Ghalkemm din it-talba ser tigi mistharrga iktar 'il quddiem fil-konsiderazzjonijiet fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti jiggustifikaw ness guridiku mehtieg sabiex ma jitwarrbux f'dan l-istadju fil-konfront tal-intimati Aquilina u Cutajar. Ghalhekk, din l-eccezzjoni sollevata, b'referenza ghan-nuqqas ta' relazzjoni guridika tal-intimati Aquilina u Patrick Cutajar mas-socjeta` rikorrenti, ma tregix.

Ghaldaqstant, tichad l-ewwel eccezzjoni.

**Ir-responsabbilita' personali u *in solidum* mal-kumpannija Ilead tal-intimati Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar.**

Huwa opportun li din il-Qorti tinvesti ruhha minnufih bil-kwistjoni indikata billi din il-premessa tissottolinea t-talbiet kollha, *stante* li huma indirizzati mhux biss lejn is-socjeta' intimata wahidha, imma wkoll lejn l-intimati personalment. In sostenn tat-talbiet, is-socjeta' rikorrenti qed tistrieh fuq l-artikolu 67 tal-Kap 386 u effettivament din il-Qorti qed tintalab li twarrab il-principju tal-limitazzjoni tal-personalita' guridika (*corporate veil)* tal-kumpannija intimata. Izda mhux biss, tghid li l-intimati "*abbuzaw mill-privilegg ta' responsabbilita' limitata*" u ghandhom jinzammu responsabbli flimkien mas-socjeta` intimata anke jekk din il-Qorti tiskarta r-responsabbilta' taghhom abbazi tal-iskrittura in mertu.

L-intimati Aquilina u Cutajar opponew ghat-talbiet in kwantu proposti kontrihom fil-vesti personali taghhom u sahansitra qajmu eccezzjoni preliminari dwar in-ness guridiku mankanti. Din l-eccezzjoni giet trattata *ante.* Fis-sottomissjonijiet taghhom, fejn ittrattaw it-tielet eccezzjoni, qalu li :

"*Illi fir-rigward tat-tieni talba rikorrenti, l-Artikolu 67 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta japplika biss ghall-membri ossia azzjonisti u mhux ghad-diretturi ta' kumpannija jew ghall-kumpannija nnifisha, u ghaldaqstant huwa car illi l-intimati kollha qatt ma jistghu jinstabu li abbuzaw minn xi privilegg li fi kwalnkwe kaz qatt ma nghata lilhom."*

Minn qari tal-Artikoli 67 u 4(4) tal-Kap 386, johrog illi:

**"67**. *Kumpannija tkun iffurmata bil-mezz ta' kapital maqsum f'azzjonijiet miżmuma mill-membri tagħha.* ***Ir-responsabbilta` tal-membri*** *tkun limitata għall-ammont, jekk ikun hemm, li ma jkunx tħallas mill-azzjonijiet rispettivament miżmuma minnhom."*

**"4(4)** *Soċjeta` kummerċjali għandha personalita` ġuridika distinta* ***minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha****, u l-imsemmija personalita` ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjeta` kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjeta` kummerċjali tieqaf teżisti."*

Il-**Professur Andrew Muscat** fil-*Principles of Maltese Company law* jghid illi: "*A juridical person is considered by law as a subject of right and duties and as a person totally separate and distinct from the persons who compose it.*"[14] Ukoll: "*An inherent and fundamental attribute of juridical personality is that a juridical person, given its own separate legal existence, is capable of acquiring assets and undertaking liabilities, and such assets and liabilities will be **its** assets and **its** liabilities and not those of its members.*"[15]

Kif gie ritenut fil-kaz iccitat mill-istess awtur, fl-ismijiet ***Joseph Lanzon et v Dr Arturo Valenzia et***,[16] il-Qorti wara li kienet ghamlet referenza ghat-*Trattato di Diritto Commerciale* tal-Vivante, tghid "*... illi s-socjetajiet kummercjali huma kkunsidrati bhala 'subietti di diritto forniti da un patrimonio proprio' distint minn dak tas-singoli socji u*

[14] P.216.
[15] P.218; enfasi tal-Professur Muscat.
[16] Vol. XXX.iii.48).

*li huwa kostitwit mill-beni u d-drittijiet li s-soci kkonferew fid-ditta ...*"[17]

Hawnhekk taqbel mal-intimati fejn jghidu li "*Minn dan isegwi illi azzjoni legali maghmula minn jew kontra socjeta` kummercjali mhix azzjoni kontra l-azzjonisti taghha u l-ebda azzjonist ma jista' jitqies parti minn dik il-kawza."* L-artikolu 67 fuq citat japplika ghall-membri tas-socjeta', ossia l-azzjonisti.

Madanakollu d-dottrina tal-*lifting of the corporate veil* tapplika proprju ghalihom billi huma l-azzjonisti li ghandhom responsabbilita' limitata u jistghu "*jinhbew*" wara l-personalita' guridika u distinta tal-kumpannija. Inoltre, minn aspett iehor, id-diretturi ghandhom jitqiesu bhala agenti jew mandatarji tal-kumpanija li tgawdi personalita` guridika u indipendenti mill-membri li jikkomponuha".[18]

Madanakollu, d-dottrina u l-gurisprudenza jippermettu r-responsabblita' personali tad-diretturi ta' kumpannija, jew anke tal-membri taghha, ghad-danni ikkawzati bl-agir taghhom f'certu cirkostanzi, ad ezempju, meta jagixxu *ultra vires* jew anke b'qerq kif qed jigi allegat mis-socjeta' rikorrenti meta tattribwixxi *mala fides /culpa lata* lill-intimati fin-negozjar u fl-iffirmar tal-ftehim.

---

[17] P.218.
[18] ***Dr Ian Refalo noe et v Albert David Boweck et*** (P.A. 18.03.1983). Ara wkoll ***John Veglio v Catherine Camilleri*** (A.K. 22.01.1973), u ***Video-On-Line Ltd v Ian Giles*** (A.C. 25.02.2004).

Fil-kaz in ezami jirrizulta is-segwenti:

**L-azzjonisti tal-Ilead huma :**

- EUAF Business Services Limited (C 55753) - (Mark Anthony Aquilina huwa l-uniku azzjonist, rapprezentant guridiku u legali u segretarju tal-kumpannija);
- ISL(Marketing) Limited (C 42650) - L-azzjonist hija s-socjeta` Information Systems Ltd flimkien ma' Joseph Aquilina - direttur, rapprezentant legali u guridiku segretarju - Simon Culleja Urry Adtian Coleiro. Dawn kollha huma wkoll azzjonisti tal-istess Information Systems Limited.
- Target I.T. Limited (C28869) - azzjonisti huma l-intimat Patrick Cutajar li huwa direttur, rapprezentant legali u guridiku u segretarju, u James Gauci.
- Omar Said.

Tonio Farrugia li ffirma l-iskrittura flimkien ma' Patrick Cutajar ghan-nom tas-socjeta' intimata qatt ma kien azzjonist jew direttur izda iffirma ghan-nom ta' Mark Anthony Aquilina.

Illi fir-rigward tal-principju ta' personalita` legali distinta u separata ta' kumpannija, il-Qorti tal-Appell irriteniet fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Dr. Jose' A. Herrera noe et vs Tancred Tabone et noe et** (Qorti Kummercjali 26/01/1989 Vol.XXLVI.ii.321) illi dan *"…..m'huwiex ta' bilfors principju ta' applikazzjoni universali."* Fis-sentenza fl-ismijiet **Supermarkets (1960) Limited vs Le Cram Developments**

**Co. Ltd.** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru 2002 inghad illi: *"…… l'hekk imsejjah 'corporate veil' huwa appuntu velu u mhux xi purtiera tal-hadid li warajh tista' tahbi u tnessi kwalunkwe operat, anke forsi dak li jirrazenta abbuz tal-process gudizzjarju."*

Fil-kaz **Edward Enriquez et vs Avukat Dr. Anthony Farrugia senior et noe**, P.A. deciza fit-12 ta' Ottubru 1995, intqal illi:

*"Il-Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorrett li juri 'mala fides' ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-mala fides tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju guridiku ma ghandu immunita` mill-principju 'fraus omnia corrumpit'. Jekk biex ikun newtralizzat l-effett tal-'mala fides' huwa mehtieg li l-Qorti tipprexxindi mill-personalita` separata ta' persuna morali, il-Qorti hija lesta li tiehu dan il-pass."*

Fil-ktieb **Principles of Maltese Company Law** (OUP – 2007) **il-Professur Andrew Muscat** jaghmel referenza ghall-"*fraud or improper conduct*" li, skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, jiggustifika *"the lifting of the corporate veil".* Hekk ukoll f' **Palmer's Company law 21st Edition** (1968) pag.572. inghad hekk dwar ir-responsabbilta` tad-diretturi:

*"Any director who is party to a fraud or to the commission of any other tort is personally liable to the injured party. This is on the principle that whoever commits a wrong is liable for it himself, and nonetheless so, that he was acting as an agent*

*or servant on behalf, and for the benefit of another; for the contract of agency, or service cannot impose any obligation on the agent or servant to commit, or assist in the committing of fraud or any other wrong. The company may also be liable but that does not exonerate the director".*

Il-Professur Muscat, difatti jzid jghid[19]:

*"A crucial observation to be made is that although the 'lifting of the corporate veil' is often said to refer to those situations where the separate identity of the company and its members is ignored, in practice the term is also used to comprise situations where the separate identity of the company and its members is retained, but some other legal consequences affect the members, directors or other stakeholders in the company".*

U fost l-ezempji ccitati nsibu:

*"(i) cases where a main attribute of separate juridical personality (that is immunity from liability) is disregarded to impose liability on individual or corporate members (effectively an exception to the principle of separate juridical personality;*

*(ii) cases where a person (corporate or otherwise) is not allowed to circumvent his obligations by the expedience of acting through a separate company and pleading its*

[19] *Op.cit.* p.243

*separate juridical personality (effectively another exception to the principle of separate juridical personality);*

*(iii) cases where liability is imposed on officers, managers or other persons involved in the management of the company (effectively an exception not to the principle of separate juridical personality but to the fundamental principle that an agent or mandatory is not liable for the acts on behalf of the principal)...".*

Il-Qorti hawnhekk minnufih taqbel mal-intimati li l-kaz odjern mhuwiex kaz ta' kummerc bi frodi jew *kummerc hazin* kif previsti bl-artikoli 315 u 316 tal-Kap 386. Dawn l-artikoli espressament jimponu obbligazzjoni personali u illimitata fuq kull persuna li hija kompartecipi fl-atti frawdolenti kommessi mill-kumpannija *inter alia* meta l-kumpannija tkun insolventi, li mhuwiex il-kaz li qed jigi propost mis-socjeta' rikorrenti illum. Pjuttost huwa kaz fejn l-intimati qed juzaw il-personalita' guridika tal-Ilead biex jevadu mill-obbligazzjonijiet assunti minnhom kif ser jigi spjegat.

Il-ftehim huwa redatt fi kliem cari u inekwivoci, fejn il-kontraenti huma zewg kumpanniji, id-Di-ve u l-Ilead. Il-qofol tal-kwistjoni jikkonsisti fil-garanziji li kellhom jigu onorati mill-Ilead, favur il-Bank of Valletta, li kienu jinkludi garanziji personali li kellhom jigu assunti mill-firmatarji.

Hawnhekk din il-Qorti minghajr ezitazzjoni tqies li n-nuqqas tal-intimati kollha li jottemperaw ruhhom mal-kliem car tal-ftehim f'dan ir-rigward, mhuwiex konsistenti mal-*bona fides*

mistenni fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjonijiet kontrattwali. Huwa minnu li l-intimati Aquilina u Cutajar iffirmaw ghan-nom tal-Ilead, izda l-garanzija personali rapprezentata mill-LEGO1 holqot obbligazzjoni kontrattwali li kienet tinkombi fuqhom personalment. Dawn iz-zewg rami tal-ftehim jittiehdu bhala *quid unum.*

Il-Qrati taghna irritenew li l-principju fondamentali tal-*bona fides* jipprevali fuq finzjonijet legali u wrew li kienu ppreparati jharsu oltre l-personalita' guridika ta' kumpannija sabiex jizguraw, *inter alia,* t-twettiq ta' obbligazzjonijiet kontrattwali. (Ara ad ez. **Dr. Jose' Herrera noe et v Tancred Tabone et noe (**App. 22 ta' Jannar 1992) u kkonfermat mill-Qorti tal-Appell f'sede ritrattanti**; Edward u Giovanni Leone Enriquez v Av. Dr.Anthony Farrugia et.** (P.A. 12.10.1995); **Nevada Limited v Hubert Mifsud et -** (App.16.02.2004); **Supermarkets Limited v Le Cram Developments Co Ltd** (App.Civ.22.10.2002); **u l-Imhallef Dr Alberto Giuseppe Magri et. v Aeroflot Russian International Airlines et** (App.Civ.01.07.2005).

Hekk ad ezempju, f'din l-ahhar sentenza ccitata, l-Qorti tal-Appell rriteniet:

*"Ghalkemm huwa veru li z-zewg kumpaniji huma persuni guridikament separati, bil-kapacita` li jidhlu f'obbligazzjonijiet legali indipendenti minn xulxin, u dan anke jekk ikollhom l-istess diretturi jew l-istess azzjonisti – izda dawn il-Qrati ghamluha wkoll cara li fejn jirrizulta li jkun hemm agir skorrett li juri 'mala fede' m'ghandux japplika l-*

*principju tas-'separate juridical personality'. Dan kien proprju dak li kienet ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***Av. Dr. Jose` Herrera nomine et vs Tancred Tabone et noe****. Meta sussegwentement kienet saret talba ghar-ritrattazzjoni ta' din id-decizjoni, il-Qorti ta' l-Appell kienet spjegat illi dik il-Qorti ma kienitx applikat il-beneficcju tal-personalita` guridika distinta – 'mhux minhabba zvista jew ghax 'insietu', izda ghamlet hekk ghar-ragunijiet ta' fatt u ta' dritt li enuncjat fis-sentenza taghha. Il-Qorti kellha dritt li taghmel hekk, ghaliex l-imsemmi principju mhuwiex ta' bilfors principju ta' applikazzjoni universali. In fatti d-dottrina tghallem li fil-kazi kongruwi, jista' eccezzjonalment ma jigix applikat, minhabba li l-Qorti thares aktar 'il boghod minn dak li jidher fil-wicc."*

Il-Qorti issa ser tistharreg il-provi f'din il-kawza marbutin mal-principji fuq enuncjati u mal-principji ohra regolaturi fil-kaz odjern.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>**

Illi m'hemmx dubbju li fl-ewwel lok, dan il-kaz jitratta l-applikazzjoni ta' obbligazzjoni kontrattwali. L-ewwel ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti hija li tevalwa l-qofol tal-ftehim milhuq bejn il-kontraenti fl-iskrittura mertu ta' din il-kawza.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li gie ritenut bl-aktar mod esplicitu li *'l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat*

*u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda"*. (A.C. 5 ta' Ottubru 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacon et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines; Grace Spiteri et vs Carmel sive Lino Camilleri** P.A. - 3538/09 (RCP) - 30 ta' Mejju 2002"). Inoltre "Il-principju *pacta sunt servanda* huwa wiehed applikat rigorozament mill-Qrati Taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkostanza, li skont il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat." (**Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe**, P.A. - 1348/2000TM).

Dan in kwantu l-kuntratt ghandu sahha ta' ligi ghal dawk li jaghmluh (**artikolu 992(1) tal-Kodici Civili**) u ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin jew ghal ragunijiet mil-ligi maghrufa (**art.992(2) tal-Kodici Civili**). Inoltre` hu mistenni li l-kuntratti jigu esegwiti *in bona fidi* (**Art. 993 tal-Kap 16**). (Ara **Terence Mirabelli vs James Schembri**, P.A. - 31 ta' Jannar 2003).

Difatti, l-**artikolu 992(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi:

"(1) *Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*

*(2) "Dawk il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi."*

Huwa relevanti l-principju ta' dritt, li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftehmu fuqu, jkun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies sew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat. (**Clive Simpson vs John Saliba noe et**, P.A. 22 ta' Gunju 2004; **Frendo vs Caruana**, App Civ – 28 ta' Jannar 1999; **A.M. Developments Ltd. et vs Pauline Micallef**, P.A. (1240/2010) – 28 ta' Ottubru 2013).

Illi fis-sentenza sucitata **A.M. Developments Ltd et vs Pauline Micallef**, ikompli jinghad hekk:

*"Fejn il-kitba hija cara, dak li kien miftiehem ghandu johrog mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'mohhom il-partijiet."* (Ara wkoll **Brincat vs Saliba**, App Civ datat 14 ta' Novembru 1983).

Ukoll, kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-*bona fidi*, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwita`, bl-użu jew bil-liġi.[20]

Il-klawsola operattiva tal-kuntratt datat 13 ta' Settembru 2013 tghid hekk:

[20] **Art. 993 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta.**

"*Ilead Solutions Limited binds itself to take over all obligations and warranties guaranteed by Digital Interactive Limited in favour of Bank of Valletta plc, limitedly to the relative Jeremie loan including but not limited to the obligations arising from all the Lego I's, any cash guarantees and pledges, presently in force and applicable today as well as all obligations arising from the loan agreement signed by Bank of Valletta and Digital Interactive Limited and its shareholders and to this effect that the Bank of Valletta shall release Digital Interactive Limited from all its rights and obligations arising from the Jeremie loan above mentioned to the effect that Ilead Solutions shall take over any loan repayments as from today and all guarantees from Digital Interactive Limited in favour of Bank of Valletta plc provided that in the event that the conditions imposed by the Bank of Valletta plc are reasonably more onerous on Ilead Solutions Limited then the parties bind themselves to renegotiate this agreement."*

Jirrizulta mil-klawsola operattiva tal-kuntratt, li Digital Interactive Limited ittrasferiet u bieghet lil Ilead Solutions Limited il-*portal* di-ve.com, bid-drittijiet, kontenut, interessi u pretensjonijiet kollha tal-istess *portal*. Ilead Solutions Limited intrabtet li tassumi l-obbligi u l-garanziji kollha moghtija minn Digital Interactive Limited favur il-Bank of Valletta ghas-self Jeremie, inkluz il-garanziji personali li Digital Interactive kienet tat in garanzija lura tal-istess self, vigenti dakinhar tal-iffirmar tal-iskrittura.

Illi l-ftehim gie kkuntrattat biss bejn iz-zewg kumpaniji, partijiet f'dan il-kaz. Jirrizulta li ffirmaw il-kuntratt Tonio Farrugia, Joseph Aquilina u Patrick Cutajar ghan-nom ta' Ilead Solutions Limited. Ghan-nom ta' Digital Interactive, iffirmaw, George Barbaro Sant u Christopher Sultana.

Jirrizulta mix-xhieda tal-PL Quentin Tanti u mill-atti esebiti, li d-Diretturi kienu tlieta, u cioe` Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar fiz-zmien tal-iffirmar tal-iskrittura imsemmija.

Illi l-intimati qed isostnu li s-socjeta` Ilead Solutions Limited ma naqsitx mill-obbligi kontrattwali taghha, *stante* li hi ghamlet minn kollox biex tassumi l-obbligazzjonijiet u l-garanziji moghtija minn Digital Interactive Limited rigward is-self Jeremie, izda ma setghetx taghmel dan mhux b'nuqqas taghha, izda b'konsegwenza tal-misrapprezentazzjonijiet li wettqet is-socjeta` rikorrenti fin-negozjati ta' qabel il-kuntratt u fuq il-kuntratt innifsu.

**Rizultanzi**

Hija relevanti hafna x-xhieda ta' Alison Camilleri, li kienet il-persuna ufficjali tal-Bank of Valletta, li giet avvicinata mill-klijenti li riedu jiehdu d-Di-ve *portal*. Hija kkonfermat, li l-Jeremie *loan* ma setax jigi trasferit minghand Digital Interactive Limited ghal ghand Ilead Solutions Limited, imma li trid tinhareg facilita` gdida. Hi kkonfermat, li l-applikazzjoni ghal Jeremie *loan* kienet twaqqfet da parti tal-Bank, wara li l-Bank ra s-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta` Ilead

Solutions Limited. Ghalhekk, jidher, li l-Bank ma setax jikkunsidra li jaghti Jeremie *loan* lil Ilead Solutions Limited ghaliex kien ikkoncernat dwar il-qaghda finanzjarja tal-kumpanija. Inoltre`, jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Alison Camilleri, li l-Jeremie *loan*, kienet facilita` li generalment tirrikjedi li 25% mill-facilita` trid tkun assigurata u garantita b' "security" tangibbli.

Difatti, din hija l-pern tal-vertenza odjerna, fejn huwa manifestament car, li ladarba, il-Jeremie *loan* ma kienx trasferibbli, u riedet tinhareg facilita ta' self gdida, din kellha tkun assigurata u garantita b'garanzija personali tad-Diretturi. Illi din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li, mill-kliem enuncjat fil-klawsola fl-iskrittura privata iffirmata bejn il-kontendenti, li l-kuntratt kien qed jipprovdi ghall-garanzija personali tad-Diretturi. Mark Anthony Aquilina, fix-xhieda tieghu sostna li l-Bank kien irrifjuta r-rikjesta taghhom ghal Jeremie *loan* gdid, kif *del resto* gie kkonfermat minn Alison Camilleri ghan-nom tal-Bank of Valletta plc. Izda, Mark Aquilina kompla jsostni fix-xhieda tieghu, li ladarba l-kuntratt kien ififrmat bejn zewg "*limited liability companies*", il-Lego 1 ma kinitx ta' importanza kbira. Izda, dan ma jinkwadrax u lanqas jaqbel ma' dak indikat fl-iskrittura u lanqas ma' dak ikkonfermat mix-xhud Alison Camilleri, li kkonfermat, li s-self Jeremie irid ikun dejjem garantit u assigurat b'ta' l-anqas 25% 'security'. Kif ikkonfermat mill-intimati nfushom fix-xhieda taghhom, il-kumpanija Ilead Solutions, sa minn meta giet iffirmata l-iskrittura in kwistjoni, ma kellhiex assi, ghalhekk huwa ferm dubbjuz kemm il-garanzija ghas-self

setghet tinghata mill-kumpanija Ilead Solutions Limited innifisha.

Jirrizulta mill-iskrittura iffirmata, u mill-klawsola sucitata, li kien hemm l-obbligu da parti ta' Ilead Solutions li jiehdu l-obbligi u l-garanziji kollha necessarji, inkluz il-garanzija Lego1 li kienet il-garanzija relatata mal-Jeremie *loan* in kwistjoni *stante* li din ittiehdet mill-BOV plc. Joseph Aquilina bhala firmatarju fl-iskrittura, qal fix-xhieda tieghu li ma kienx jaf xi tfisser l-implikazzjoni tal-Lego1 u li ma gietx imfissra min-Nutar dakinhar tal-iffirmar tal-iskrittura. Dan il-punt gie sottolinejat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati. Izda l-argument li l-intimati ma kienux konsapevoli tal-kontenut tal-implikazzjonijiet legali ta' dak iffirmat rigward il-Lego1, ma jistax jintlaqa' u qed jigi respint. Illi, certament, mhijiex gustifikazzjoni, li wiehed ighid li ma kienx jaf it-tifsira tal-Lego1 dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratt. Jirrizulta, li Patrick Cutajar, li wkoll iffirma ghan-nom ta' Ilead Solutions Limited kien *accountant*, u kien midhla ta' din il-forma ta' garanzija bankarji.

Tonio Farrugia stess fix-xhieda tieghu, in kontro-ezami kkonferma li l-Bank kien semmilhom li sabiex Ilead tassumi Jeremie *loan* gdid, iridu jaghmlu tajjeb huma personalment. Hu kompla ighid li l-Bank offrielhom self iehor b'garanzija xort ohra. Hu stess ikkonferma wkoll li l-Bank ma ghogbitux is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Ilead Solutions Limited. Kif diga inghad, dan il-fatt jinsab korroborat mix-xhieda ta' Alison Camilleri.

Illi fil-kaz odjern, tqies li l-intimati Aquilina u Cutajar ma jistghux jinhbew wara l-personalita' guridika separata u distinta tal-Ilead biex jevitaw l-obbligazzjonijiet assunti skont il-ftehim imsemmi li kienu dipendenti mill-garanziji li kellhom ifornixxu lill-Bank u min-negozjar ta' finanzjament adegwat biex jehilsu lis-socjeta' attrici u lid-diretturi taghha mir-rabtiet li kellhom mal-istess Bank.

Il-kliem tal-klawsola operattiva tal-kuntratt huma cari u ma jippermettux interpretazzjoni xort'ohra. Illi m'hemm l-ebda dubbju li s-socjeta` intimata kellha tiehu u tassumi l-obbligi tas-self Jeremie inkluz il-garanziji ancillari kif elenkat fl-istess klawsola tal-iskrittura, datata 13 ta' Settembru 2013. Patrick Cutajar, ikkonferma fix-xhieda tieghu, li l-ftehim quddiem in-Nutar La Rosa kien li jiehdu s-self Jeremie li kellha Digital Interactive Limited. Patrick Cutajar kompla jghid, b'referenza ghall-garanzija personali, li meta ffirmaw l-iskrittura datata 13 ta' Settembru 2013, hadd ma gab lin-nisa bhala firmatarji fuq l-iskrittura, ghalhekk hu qed isostni li hija s-socjeta` Ilead Solutions Limited li hija responsabbli, u mhux id-Diretturi. Fl-ewwel lok, huma ffirmaw li ha jassumu s-self Jeremie u l-obbligi naxxenti mil-Lego1, bhala garanzija li hija garanzija personali. Ghalhekk, din il-Qorti tikkondividi t-tesi tas-socjeta' attrici li bl-agir taghhom d-Diretturi tal-kumpanija Ilead Solutions Limited riedu jevadu l-effetti ta' din il-kalwsola li timponi l-obbligu ta' garanzija personali fuq id-diretturi tal-kumpannija.

Tajjeb jigi affermat, li n-Nutar La Rosa stess fix-xhieda tieghu, kien dubjuz jekk is-self Jeremie setax jigi ttrasferit

jew riedx jinhareg self gdid ghas-socjeta` Ilead Solutions Limited. Ghalhekk, fil-kalwsola operattiva tal-iskrittura esebita a fol 7 tal-process, gie specifikament indikat li jekk l-kundizzjonijiet tas-self impost mill-Bank of Valletta plc ikunu aktar oneruzi, il-partijiet huma marbuta li jergghu jirrinegozjaw il-kuntratt iffirmat bejniethom. Difatti, dan jista' jissejjah bhala t-tieni fazi mahsub fil-klawsola operattiva tal-iskrittura. Madankollu, ma jirrizultax mill-atti, li l-Bank kien ser jaghti kundizzjonijiet aktar oneruzi lis-socjeta` Ilead Solutions Limited, ghaliex jidher li l-applikazzjoni twaqqfet malli l-Bank ra s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija. Izda, fix-xhieda ta' l-intimati in kontro-ezami, inghata aktar dettal, ghalhekk kien hemm aktar diskussjonijiet mal-Bank, li jidher li twaqqfu ghaliex id-Diretturi tas-socjeta` intimata ma kienux lesti jaghtu garanzija personali kif ukoll *stante* s-sitwazzjoni finanzjarja fqira tas-socjeta' intimata.

Jirrizulta wkoll, u mhuwiex ikkontestat mill-kontro-parti, li, kif ikkonferma Patrick Farrugia fix-xhieda tieghu, kienet saret laqgha bejn Tonio Farrugia u George Barbaro Sant f'lukanda, u gew avvanzati proposti biex jergghu jirrinegozjaw il-kuntratt, ladarba ma kienx inhareg is-self mill-bank. Patrick Cutajar ikkonferma li kien ha l-minuti f'dik il-laqgha u li jista' jesebihom. Izda l-minuti baqghu ma gewx esebiti. *Nonostante* dan, mhuwiex ikkontestat, li saret din il-laqgha, izda jidher li ma kien hemm l-ebda ezitu ghaliex il-proposti dwar ir-rinegozjar tal-kuntratt ma gewx accettati, kwindi tibqa' vigenti l-ewwel skrittura iffirmata bejn il-partijiet esebita a fol 7 tal-process. Inoltre, ladarba ma jinsabx ippruvat u affermat li kien se jkun hemm kundizzjonijiet aktar

oneruzi, ma jistax jinghad, li l-partijiet kienu marbuta jirrinegozjaw f'dak l-istadju.

Illi huwa minnu li s-self Jeremie ma nghatax lis-socjeta` Ilead Solutions Limited mill-Bank BOV. Is-socjeta` intimata qatt ma waslet sabiex tiddiskuti l-garanziji personali mal-Bank, kif ikkonfermat mix-xhud Alison Camilleri, izda, fil-fehma ta' din il-Qorti kien fl-interess u fl-obbligu tas-socjeta' Ilead li tesplora self alternattiv b'rati, sussidjar u b'persentaggi ta' garanzija l-aktar vantagguzi sabiex ikunu jistghu ikomplu iwettqu l-hlasijiet tas-self, kif impost fuqhom mill-istess skrittura iffirmata. Illi huma kienu diga ghamlu erba' pagamenti rateali, izda sussegwentement waqfu milli jkomplu jaghmlu l-pagamenti pattwiti. Kien jinkombi fuq l-intimati li jkomplu jesploraw il-possibiltajiet ghal self gdid, jew almenu li juru li kien se jkun hemm kundizzjonijiet aktar oneruzi imposti fuqhom. Illi kienu jkunu fl-istadju li jirrinegozjaw il-kuntratt meta juru li ser ikollhom kundizzjonijiet aktar oneruzi imposti fuqhom mill-Bank. Ladarba dan ma giex ippruvat, ma jistax jinghad, li kien hemm l-obbligu u l-irbit li jsir ir-rinegozjar tal-kuntratt. Ghalhekk, is-socjeta` rikorrenti ma tistax tinstab li hija in *mala fede* dwar dan.

**Allegat Misrapprezentazzjonijiet mis-socjeta' rikorrenti**

Illi tramite t-tieni eccezzjoni, l-intimati qed isostnu li obbligazzjoni kontrattwali referibbilment ghas-self Jeremie ma sehhux konsegwenza ta' misrapprezentazzjonijiet li wettqet is-socjeta` rikorrenti fin-negozjati precedenti ghall-

kuntratt u fuq il-kuntratt innifsu. Fl-istess tieni eccezzjoni, jindikaw li l-misrapprezentazzjoni tirreferi ghall-fatt li kwalunkwe obbligazzjonijiet u garanziji setghu jigu assorbiti mill-kumpanija innifisha, u mhux mid-diretturi taghha.

B'referenza ghal dan, l-intimati qed jaddebitaw il-qaghda finanzjarja hazina tal-kumpanija Ilead Solutions Limited*, in parte*, ghall-fatt li Chris Sultana kellu jahdem u jaghti l-kontribut bhala impjegat ta' Ilead Solutions Limited, kif tnizzel fl-istess skrittura privata, meta dan ma ghamlux. Patrick Cutajar ikkonferma fix-xhieda tieghu, li Christopher Sultana dam impjegat ma' Ilead Solutions Limited sa Marzu 2014, sa sitt xhur wara l-iffirmar tal-kuntratt f' Settembru 2013. Illi kif xehed Christopher Sultana stess, huwa rrizenja mill-impjieg ma' Ilead Solutions Limited, wara li gie infurmat li mhux ser jinghata izjed paga. Difatti, thallas tax-xhur li ghamel fl-impjieg mix-*shareholders* ta' Ilead Solutions ghax ma kienx hemm bizzejjed fondi biex jithallas mill-kumpanija Ilead Solutions Limited. Min-naha l-ohra, l-intimati sostnew, li Christopher Sultana ma kienx qed jaghti l-kontribut kif imwieghed sabiex id-Di-ve *portal* jimxi 'l quddiem u jaghmel success. Hawnhekk, ta' min ighid, li dan il-fatt innifsu, zgur ma jammontax ghal misrapprezentazzjoni, imma *semmai* ghal nuqqas ta' twettiq ta' dak miftiehem fejn kien inghad:

*"Christopher Sultana agrees to become an employee of Ilead Solutions Limited for a minimum period of 2 years from today under reasonable terms and conditions."*

Il-fatt li Christopher Sultana rrizenja qabel sentejn, ifisser li ma aderixxiex ruhu ma' dak imnizzel fil-kuntratt. Madankollu, jekk kemm-il darba ma kienx ser jibqa' jithallas il-paga bhala impjegat, ir-rizenja tieghu kienet ukoll konsegwenzjali ghal dan. B'hekk, ma tirrizulta l-ebda misrapprezentazzjoni kif allegat fit-tieni eccezzjoni f'dan ir-rigward.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi wkoll, li Patrick Cutajar ikkonferma li meta raw l-*istrategic plan* u l-*managerial accounts* tad-Di-ve *portal* qabel sehh it-trasferiment, kienu raw li kien hemm €16,000 fil-*managerial accounts*. L-intimati jsostnu, li kien hemm qbil fin-negozjati biex dawn jghaddu lill-kumpanija Ilead. Huwa proprju ghalhekk, li fit-tieni eccezzjoni, qed jissemmew *"misrapprezentazzjonijiet li wettqet is-socjeta rikorrenti fin-negozjati ta' qabel il-kuntratt u fuq il-kuntratt innifsu*". L-intimati ssottomettew li fit-tahdidiet u n-negozjati ta' qabel l-iffirmar, kien hemm l-intendiment li dan l-ammont kellu jghaddi lil Ilead Solutions Limited, liema ammont fil-fatt baqa' ma ghaddiex u kien minnhabba f'hekk li l-Ilead sabet ruhha f'diffikultajiet finanzjarji.

Izda, jigi osservat, li ma tnizzel xejn dwar dan fl-iskrittura iffirmata. Ghaldaqstant, ladarba dan il-fatt ma jirrizultax mill-kitba ma jistax jigi impost fuq is-socjeta` rikorrenti li kellha dan l-obbligu. Inoltre`, ma jirrizultax li giet ippruvata l-ebda misrapprezentazzjoni jew *mala fede*, da parti tas-socjeta` rikorrenti b'referenza ghal dawn l-allegazzjonijiet, fejn l-intimati qed jittentaw jattribwixxu n-nuqqas ta' success tad-

Di-ve *portal*, u tal-kumpanija Ilead, u n-nuqqas li jottjenu l-Jeremie *Loan* mill-Bank ghal dawn iz-zewg fatturi. Illi minn ezami akkurat tal-provi u tal-atti tal-kaz dan ma jirrizulta bl-ebda mod ippruvat ghar-ragunijiet fuq spegati.

**Ghal dawn il-motivi ser tghaddi biex tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimati.**

**Konsegwentement, tichad ukoll ir-raba' eccezzjoni tal-intimat.**

**Tilqa' ukoll l-ewwel hames talbiet attrici.**

**Is-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet:**

Illi is-socjeta` rikorrenti qed titlob li konsegwentement ghall-agir tal-intimati jew min minnhom, gew ikkawzati danni lill-kumpanija rikorrenti. Ghalhekk, qed jintalab li jigu likwidati d-danni, u fin-nuqqas tordna lill-intimati li jithallsu d-danni. Jigi senjalat li t-talba ghall-hlas tad-danni hija subordinata ghat-talba ghall-adempiment tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali u ghalhekk l-Qorti ser takkolji din it-talba kif hekk maghmula.

Ghar-rigward tad-danni mitluba, l-intimati eccepew fil-hames eccezzjoni, li mhuwiex minnu li s-socjeta` rikorrenti ssubiet danni. Fl-istess waqt gie eccepit, li ghalkemm intalbet il-likwidazzjoni tad-danni, fir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru, kien gie indikat l-ammont ta' €101,296.36.

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna, li f'materja ta' kuntratti, meta ma titwettaqx obbligazzjoni f'kuntratt:

*"……. li min jonqos li jwettaq obbligazzjoni li ntrabat biha, obbligat ihallas id-danni, li ghandhom jaghmlu tajjeb ghat-telf li l-persuna l-ohra tkun garrbet u l-qligh li tkun tilfet."* (ara **Alexander Bonello noe vs Phoenix Co. Ltd**., P.A. - 25 ta' Settembru 2003; **Coleiro Yacht Fisheries Limited vs St. George's Park Co. Ltd.** Qorti tal-Appell Inf. (17/2014) – 22 ta' Settembru 2017.

Illi s-socjeta` rikorrenti, fis-sottomissjonijiet taghha, issostni li l-pretensjonijiet taghha fir-rispett ta' dawn it-talbiet fl-istadju kawtelatorju fis-somma ta' €101,296.36, hi magmula mis-somma ta' €14,000 rapprezentanti l-bilanc tas-somma pattwita fuq l-iskrittura, flimkien mal-bilanc tal-facilita' bankarja Jeremie *loan* fl-ammont ta' €87,296.36.

Illi l-bilanci imsemmija jirrizultaw mid-dokumenti bankarji esebiti li juru li l-bilanc dovut fuq is-self *Jeremie* thallas mill-kont bankarju tas-socjeta' rikorrenti, u minn garanziji moghtija mis-socji taghha. Ghaldaqstant issib li dawn l-ammmonti huma ppruvati.

**Imghax**

Illi l-imghax f'obbligazzjonijiet kummercjali jiddekorri *ipso jure*. Skont il-ftehim, il-pagamenti mensili kellhom jispiccaw fl-14 ta' Marzu 2015. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-bilanc ta' €14,000, l-imghax jiddekorri minn dik id-data. Fir-rigward

tal-bilanc rimanenti, l-ammont kollu gie likwidat b'din is-sentenza, u ghaldaqstant l-imghax fuq il-bilanc ser jiddekorri mid-data odjerna.

Ghalhekk, din il-Qorti ser tgaddi biex tilqa' s-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet fil-konfront tal-intimati kollha filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet rimanenti tal-intimati.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimati naqsu milli jonoraw l-obbligi assunti minnhom fl-iskrittura datata 13 ta' Settembru 2013.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-intimati kienu kompartecipi fl-abbuz tal-privilegg tar-responsabbilta` limitata mill-artikolu 67 tal-Kap 386, u ghalhekk l-intimati Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar tilfu l-istess privilegg.

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li l-intimati bbenifikaw illecitament mill-abbuz u/jew kompartecipazzjoni fl-istess u li huma solidament responsabbli versu l-kumpannija rikorrenti.

4. Tilqa' r-raba' talba u twarrab il-personalita` guridika tal-kumpanija Ilead Solutions Limited u zzomm lill-intimati Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar bhala solidalment u illimitatament responsabbli versu s-socjeta` rikorrenti fir-rispett ghall-obbligi assunti fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013.

5. Tilqa' konsegwentement il-hames talba u tordna lill-intimati sabiex fi zmien perentorju ta' xahrejn mil-lum jottemporaw ruhhom mal-obbligi assunti minnhom fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013.

6. Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara illi l-agir tal-intimati, jew min minnhom, ikkawza danni lill-kumpanija rikorrenti;

7. Tilqa' s-seba' talba u tillikwida d-danni sofferti mill-kumpanija rikorrenti skont it-talba precedenti fis-somma ta' mija u elf, mitejn u sitta u disgħin ewro u sitta u tletin centezmu (€101,296.36) flimkien mal-imghaxijet legali dekorribbli kwantu ghal erbatax il-elf ewro (€14,000) bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Marzu 2015 u in kwantu ghal bilanc, mid-data odjerna, kollu sad-data tal-pagament effettiv.

8. Tilqa' t-tmien talba u tordna li fin-nuqqas li l-intimati jonqsu li jottemporaw ruhhom mal-obbligazzjoijiet kontrattwali assunti minnhom fit-terminu perentorju fuq stabbilit, tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom sabiex ihallsu lill-kumpannija rikorrenti l-ammont hekk

likwidat in linea ta' danni flimkien mal-imghaxijiet legali kif ordnati.

**L-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-istess ismijiet jithallsu mill-intimati.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**11 ta' April 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**11 ta' April 2019**